**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 58**

**Data:** **28 ta' Settembru 2023**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

58.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

58.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

58.5 Korrispondenza u Rapporti;

58.6 Ftuh Centru Civiku;

58.7 Attivitajiet;

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

58.8 Progetti u xogholijiet

58.9 Skeda ta’ Pagamenti;

58.10 Materji ohra;

58.11 Tmiem tal-laqgha.

---

58.1 **Qari tal-ittri ta’ Apologiji**

58.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apologiji.

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

58.2.1 Tonio Mifsud qal li huwa ma jaqbilx mall-punt numru 57.4.3 tal-minuti peress li huwa kien qabel li jinxtara l-generator u ta’ din kien hemm kjarifika anke fil-minuti numru 50.

**58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

58.3.1 Is-Sindku spjega li kienet waslet ir-risposta dwar il-culvert fi Triq Tumas Cassar fejn kien gie spjegat li ma kienx hemm fondi min-naha tal-Ministeru peress li peress li bhalissa l-ghan huwa li issiru l-aktar toroq possibli.

58.3.2 Is-Sindku ssugerixxa sabiex issir zebra crossing fi Triq il-Knisja fejn l-iskola l-qadima. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament. Fuq dan il-punt gie innotat li Transport Malta ghandhom jigu fuq il-post biex jaraw il-post ezatt fejn u jigu nfurmati ukoll ir-residenti.

**58.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

58.4.1 Dwar il-misqtoqsijiet tal-Kunsilliera s-Sindku talab sabiex dawn ma jithallewx ghall-ahhar minuta biex jintbghatu.

58.4.2 Giet trattata talba minghand is-Sur Joseph Mizzi fejn talab ‘Nixtieq inressaq talba sabiex mall-granet tal-ftuh tal-librerija tal-lokal, tizdied gurnata wahda ohra fejn il-hin ikun ezatt wara l-hin tal-iskola, u cioe’, bejn 2.30pm u 3.30pm. Din hija opportunita’ u hin konvenjenti ghall-genituri li jkunu jistghu jidhlu l-librerija malli jigbru t-tfal mill-iskola kemm tal-Gharb u anke minn skejjek ohra’. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba fejn qabel unanimament ma’ din it-talba. F’dan ir-rigward is-Sindku ssugerixxa ukoll li ghandha tigi avvicinata l-iskola sabiex jergghu jibdew jingabu t-tfal bhal qabel il-librerija fejn ikun hemm l-ghalliema taghhom li tigwidhom x’kotba jaghzlu. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

58.4.3 Giet trattata talba minghand is-Sur Joseph Mizzi fejn talab 'Qed inressaq it-talba dwar il-htiega taz-zebra crossing fi Triq Frangisk Portelli. Nipproponi li, jekk iz-zebra-crossing ma tistax issir fil-post propost waqt din il-legizlatura, ikun issugerit li ssir f'punt izjed 'il fuq fl-istess triq, izjed lejn is-supermarket. Is-Sindku li din giet diskussa hafna draba u dejjem intqal li l-problema hija li din it-triq hija triq arterja u ghalhekk taqa' taht ir-responsabilita' tal-gvern centrali. Apparti hekk meta kienet saret laqgha fuq il-post dwar din il-proposta fejn kien gie innotat li l-partit espropijata kien ghanda ma tnahhetx u din ghada hekk sal lum. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel li ghandha tintbghat korrispondenza lill-Ministeru ghal Ghawdex li l-Kunsill irid jimplimenta zebra crossing u ghaldaqstant huwa mehtieg li jitnehha dan il-hajt. Fl-istess waqt Joseph Mizzi staqsa tistax issir iktar lejn Triq Tumas Cassar jew isiru tnejn fl-istess triq fejn is-Sindku nfurmah li din ma kienetx approvata min-naha tat-Transport Malta peress li ikunu vicin fl-istess triq.

## 58.5 Korrispondenza u Rapporti

58.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni Internazzjonali tad-dyslexia fejn talbet li jinxtghelu id-dwal *turquoise* fil-binjiet governattivi fit-8 ta' Ottubru. Giet diskussa din il-korrispondenza fejn sar qbil li jekk id-dwal tal-faccata tal-Kunsill ikunu lesti dawn ghandhom jinxteghlu.

58.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar:
PA/05527/23 u PA/04730/20.

58.5.3 Giet trattata korrispondenza mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar applikazzjoi numru PA/02717/22 tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Is-Sindku spjega li dawn kienu qed japplikaw sabiex jinbena sular iehor li fih ikollu 10 kmamar ohra. Ghal din l-applikazzjoni l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet qed titlob li l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni thallas €47,000 ghall-iskema tal-parkeggi. Huwa spjega li l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni kienu qed jitolbu sabiex ma jhallsux dan l-ammont peress li huwa progett ta' ghaqda Voluntarja tal-lokal. Fl-istess waqt huwa ddikjara li kellu interess u ghaldaqstant kien qed jirtira mill-kamra. Il-Vici Sindku Louis Apap kompla jippresiedi. Tkompliet id-diskussjoni fil-kamra fejn il-membri qablu mat-talba. Sar qbil unanimament li ghandha tinkiteb ittra lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn tghid li peress li dan huwa progett ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ghandha tigi ezentata milli thallas dawn il-fondi peress li l-istess flus jigu allokati lill-Kunsill.

Is-Sindku gie msejjah lura fil-kamra u kompla jippresiedi.

## 58.6 Ftuh Centru Civiku

58.6.1 Is-Sindku qal li wasalna ghall-ftuh tac-Centru Civiku. Huwa spjega li peress li ghal dan il-ftuh iridu jkunu mistiedna persuni distinti bhal Prim Ministru u Ministri

dawn iridu jkunu jigu avzati minn qabel. Ghaldaqstant il-Ministru staqsa lill-Kunsilliera jekk ghandhomx xi dati partikolari li ma jkunux disposti. Huwa ssugerixxa li ghal dan il-ftuh ikun hawn prezenti orkestrina u jigu mistiedna l-Kunsilliera u Sindki kollha li servew fil-Kunsill. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja u bhala data tentattiva ghal dan il-progett ghandha tkun 29 ta' Novembru fejn tkun Open Night.

**58.7 Attivitajiet**

58.7.1 Giet diskussa l-ftuh ufficjali tal-Open Day Centre bhala parti mill-iskema ta' l-accessibilita'. Il-Kunsill iddiskuta sabiex dan il-ftuh possibilment isir mill-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca kif ukoll nisa ta' membri politici ohra. L-ahjar bhala gurnata li jibda' jkun miftuh ic-Centru ta' matul il-jum ghandha tkun nhar ta' Erbgha jew il-Hamis. F'din il-gurnata ghandu jkun hemm *talks* dwar is-sahha, loghob, crafts u xi ikel bnin. Ghal din l-kkazjoni ghandu jigi xi personagg importanti.

58.7.2 Attivita' ohra li ser tigi organizzata hija l-Make Music Great u l-Herbs festival kif diga gie diskuss precedentament. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-parata titlaq min naha ta' Ta' Pinu. F'dan ir-rigward Miriam Borg issugeriet li Triq Frenc ta' l-Gharb tigi mzejna ghall-okkazjoni.

**58.8 Progetti u xogholijiet**

58.8.1 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-Progett tal-Pool ser ikun qed jipprezenta r-rapport tal-ventilazzjoni lil Awtorita tal-ipjanar sabiex ikun konfermat il-permess. Fl-istess waqt il-Perit qed jahdem fuq il-BOQ ta' dan il-progett.

58.8.2 Is-Sindku qal li Triq Tumas Cassar kien ghadha ma nbietx u huwa kien qed jigri wara l-kuntrattur. Is-Sindku qal li hemm il-progett tal-panelli fejn ghal dan il-progett irid bejn €50,000 u €75,000 sabiex isir l-*upgrade* tas-substation. L-Ing kien qabel li tintuza s-Substation li tinsab fi Triq Frangisk Portelli. Huwa zied jghid li din hija l-akbar Sistema li Kunsill qatt kellu fil-gzejjer Maltin.

Joseph Mizzi staqsa kemm kien hemm fondi ghal dan il-progett tal-panelli fejn is-Sindku spjega li il-progett kien stmat li jiswa €350,000, €300,000 fondi mill-iskema ghall-Kunsilli Lokali dwar Lokalitajiet sostenibbli 2022 u €50,000 irid johroghom il-Kunsill, filwaqt li l-progett tal-pool huwa stmat li jiswa €400,000 meta jsir fil-komplet. Fil-prezent ix-xogholijiet li ser isiru jkopri il-parti fejn ser issir il-pool u tinghalaq kif ukoll jigi provdut il-lift. Is-sistema tal-heating tal-pool tista' tkun koperta mill-progett tal-panelli. Tonio Mifsud staqsa jekk il-post hux ser ikollu l-Aircondition fejn is-sindku spjga li ghadu kif minhabba l-heating fejn is-Sindku qal li ghadu kif spjega li l-inginier qed ihejji ventilation report biex ikun prezentat lil awtrita tal-ipjanar. Is-Sindku kompla jispjega li l-pool ser tkun

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

*multifunction* u terapewtika. Joseph Mizzi staqsa min ser ikun qed jopera il-pool fejn is-Sindku qal li ghal bidu ser jiehu hsieb il-Kunsill u dan sakemm jitressaq quddiem mudelli ohra li ikunu evalwati u jiddecidi l-kunsill.

58.8.3 Is-Sindku qal li minhabba l-kite and wind festival, iridu jigu ppreparati t-toroq. Il-Kunsill qabel unanimament.

58.8.4 Is-Sindku qal li kif gie diskuss precedentament il-Kunsill ghandu l-fondi rurali u l-Kunsill kien applika sabiex is-savings li ser jibqa' ghandu jintuzaw ghal toroq ohra li ghal dan ghandna nistennew risposta. Ix-xoghol msetnni jibda minn fejn ta' Cini sa' Tal-Marozz.

58.8.5 Is-Sindku qal li sar qbil ma aktar sidien ta' ghelieqi sabiex jintuzaw bhala parkegg.

58.8.6 Giet diskussa il-problema li qed jiffacjaw il-genituri fl-iskola primerja bl-ammont ta' flus li qed jithalsu ghal photocopies u dan b' referenza ghad-diskusjonijiet fil-laqat precedenti il-Kunsill. Is-sindku qal li l-iskola kienet mitluba l-workbooks li kellhom jinxtraw din is-sena mil-istudenti u li ma kienux inghataw peress li dawn huma propjeta' tal-ghalliema. Gie innotat li l-genituri kienu hallsu hafna flus ghal dawn u ghadhom jintalabu aktar. Is-Sindku qal li x-xewqa tieghu hija li tinghata ghajnuna lill-gentiuri u semma li hemm kazi hem tfal ma jinghtawx ikel lit-tfal. Huwa zied jghid li minn informazzjoni li kull skola kbira jew zghira tinghata €10,000 kull sena. Is-Sindku issugerixxa li jinsab sponsor fejn permezz ta' voucher jithallas nofs il-hlas ta' dawn il-kotba pero' kull genitur irid igib l-ircevuta mill-iskola sabiex isir dan. Il-voucher jissarraf f'affarijiet u mhux fi flus. Joseph Mizzi staqsa jekk din tapplikax ghat-tfal ta' l-iskola primarja ta' l-Gharb biss jew ohrajn. Gie spjegat li l-argument huwa li nghinu lill-iskola ta' l-Gharb biex inzommu il-popolazzjoni ta' l-iskola wiehed stabli. Is-sindku zied jghid li l-iskola giet offruta li daw il-workbooks jsiru mil-kunsill u jitqasmu minghajr hlas. Tkompliet id-diskussjoni fejn sar qbil li tinghata l-ghajnuna sa massimu ta' 50%.

**58.9 Skeda ta' Pagamenti**

58.9.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

58.10 Materji ohra

58.10.1 Gie spjegat li s-Segretarju Ezekuttiv u l-Impjegati tal-Kunsill kien ghad fadlilhom xi vacation leave li minhabba impenji ta' xoghol mhux ser ikun ittiehed sa l-ahhar tas-sena. Is-Sindku qal li huwa jaqbel li l-leave pendent tas-Segretarju Ezekuttiv u ta' l-Ufficjal Ezekuttiv ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla u fl-istess waqt iddikjara li fir-rigward ta' l-Assistant principal ghandu nteress u ghaldaqstant hareg mill-kamra u kompla jippresidedi l-Vici-Sindku. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave li jibqa' pendent ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla. Is-Sindku rega' isejjah lura fil-kamra.

**58.11 Tmiem tal-laqgha**

58.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru, 2023 fid-9.00am.

54.12.2 Il-laqgha spiccat fil- 11.00am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |